# Il-Mitjar Tal-Qrendi



*minn Emmanuel Muscat*

Fi żmien l-aħħar gwerra dinjija, il-Qrendi u l-inħawi ta' madwar kienu ta' importanza strateġika għad-difiża tal-pajjiż. Ir-raħal stess kien miżgħud bis-suldati, l-aktar dawk tat-tielet battaljun tal-KOMR. F'Ħas-Sejjieħ kien hemm il-fortizza magħrufa bħala "il-Fortizza ta' Ħaġar Qim" filwaqt li l-post magħruf bħala 'il-Qasam' kien iservi bħala mitjar.

Il-kostruzzjoni tal-mitjar tal-Qrendi kienet bdiet fl-1940 u kien infetaħ fl-10 ta' Novembru 1942 minn ***Air Vice Marshall*** **Sir Keith Park**, li kien il-kap kmandant ta' l-ajru f'Malta, billi tajjar u niżel bl-ajruplan tiegħu *Hurricane OK-2*. Hu ntlaqa' mill-ogħla awtoritajiet tal-pajjiż u minn gwardja ta' l-unur li kienet iffurmata minn suldati tat-tielet battaljun tal-KOMR. Folla mdaqqsa ta' nies mill-inħawi viċin ukoll kienet attendiet għal din iċ-ċerimonja.

Dan il-mitjar kellu żewġ *runways*, waħda mix-Xlokk għall-Majjistral u l-oħra mill-Grigal għal Lbiċ. F'nofs il-mitjar mal-ġenb ta' waħda mir-*runways* kien hemm bini ta' razzett kbir u li kien jintuża bħala torri tal-kontroll. Fil-ġenb tar-*runway* l-oħra kien hemm torri tal-kontroll ieħor li dan għadu hemm sa llum. Taħtu fil-blat kien hemm l-*Exchange tat-Telephone* u aktar fil-fond kien hemm ġeneratur ta' l-elettriku.

F'Jannar, 1943, kienet ittieħdet id-deċiżjoni mill-pajjiżi alleati li ssir invażjoni fuq l-Italja u li kellha tibda minn Sqallija. Il-mitjar tal-Qrendi kellu sehem kbir f'din l-invażjoni. Għal kwantità ta' ajruplani li kien hawn għal din l-invażjoni, il-mitjar tal-Qrendi matul is-sena 1943 kellu fih tliet skwadri mir-*Royal Air Force* ta' *Spitfires MK.V*. Dawn kienu *229 Squadron*, *249 Squadron* u *185 Squadron*, din ta' l-aħħar kienet iffurmata f'Ħal Far fit-12 ta' Mejju 1941.

Minn dan il-mitjar, l-operazzjonijiet tat-titjir kienu jsiru matul il-jum biss, billi l-i*Spitfires* kienu jagħtu s-sapport lit-truppi ta' l-Alleati matul l-avvanzi tagħhom fuq Sqallija. Kienu ntużaw ukoll *Spitfires MK IX* li kienu jagħmlu xogħol ta' tkixxif billi jieħdu ritratti mill-ajru. Malli dawn kienu jinżlu ir-ritratti kienu jintbagħtu fil-*'combined operation room'* f'Lascaris, il-Belt. Sadanittant, f'Ġunju 1943, mill-Afrika ta' fuq kienu nġiebu għadd ta' ajruplani *Spitfires* ta' *31 St. Fighter Group* li kienu għad-dispożizzjoni ta' l-Amerikani u sakemm damu fil-mitjar tal-Qrendi sarulhom tiswijiet u wara dawn kienu ġew stazzjonati fl-*Air Strip* tax-Xewkija, Għawdex. Meta l-Italja ċediet fit-8 ta' Settembru, 1943 ma setax jonqos il-briju sħiħ mill-piloti u l-*'ground crew'*.

Lejn l-aħħar ta' Settembru, 1943 l-użu ta' dan il-mitjar beda jonqos u sat-30 ta' Settembru t-tliet skwadri kienu ġew trasferiti għall-mitjar ta' Ħal Far. Però l-istorja ta' dan il-mitjar ma tieqafx hawn. Fit-28 ta' Diċembru 1944, York li kien ġej mill-Kajr kien niżel bi żball f'waħda mir-*runways* ta' dan il-mitjar minflok Ħal Far. Aktar tard, il-mitjar tal-Qrendi, spiċċa minn taħt l-RAF u ma baqax jintuża aktar ħlief għal xi emerġenza. Kienet bdiet tagħmel użu minnu r-*Royal Navy* u sar *'Mine and Torpedo Depot'*.

Ajruplan Amerikan *B-17 Flying Fortress* kien niżel ukoll f'dan il-mitjar. Fis-27 ta' Awissu 1945, *Spitfire* tat-*73 Squadron* kien ikkraxxja u fil-15 ta' Frar 1949, ajruplan tar-*Royal Navy Firefly* tal-*812 Squadron* kellu jagħmel inżul ta' emerġenza wara li kellu ħsara fil-magna. L-aħħar darba li niżel ajruplan f'dan il-mitjar kien fl-4 ta' Mejju 1958 meta ajruplan *Dakota* tal-Qawwa ta' l-Ajru Amerikana kien ikkraxxja. Sa l-1975 parti minnu kienet tintuża bħala uffiċċju metereoloġiku.